



## Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgo, it-23 ta' Jannar 2023

### L-audituri jeżaminaw is-salvagwardji tal-istat tad-dritt fil-finanzjament tal-UE

Il-Qorti Ewropea tal-Audituri qed tibda tivvaluta jekk il-Kummissjoni Ewropea kinitx effettiva fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE mill-ksur tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri. L-audituri se jeżaminaw il-passi li ħa l-eżekuttiv tal-UE biex jiżgura li l-pajjiżi jirċievu finanzjament mill-kaxxa tal-UE biss meta jirrispettaw l-istat tad-dritt. L-auditu se jiffoka fuq il-politika ta' koeżjoni tal-UE u l-finanzjament tal-UE għall-irkupru mill-COVID-19.

“Il-ksur tal-istat tad-dritt, bħan-nuqqasijiet milli titwettaq investigazzjoni xierqa tal-korruzzjoni jew nuqqas ta’ indipendenza ġudizzjarja, jista’ jkollu implikazzjonijiet finanzjarji kbar fl-UE, u jaf iwassal biex flus l-UE jintużaw ħażin fl-Istati Membri.” qalet Annemie Turtelboom, il-Membra tal-QEA li se tmexxi l-auditu. “L-auditu tagħna se jiddetermina jekk l-użu, min-naħħa tal-Kummissjoni, tal-għodod għad-dispożizzjoni tagħha biex tipproteġi l-baġit tal-UE minn ksur tal-istat tad-dritt kienx effettiv, b'mod partikolari fil-finanzjament fil-qasam tal-koeżjoni u l-irkupru.”

L-istat tad-dritt huwa wieħed mill-valuri fundamentali tal-UE. Ifisser li l-membri kollha tas-soċjetà huma soġġetti b'mod ugħali għal-liġi, li l-qratu joperaw b'mod indipendenti u imparzjali, u li hemm separazzjoni tas-setgħat. L-UE żviluppat taħlita ta’ għodod legali, finanzjarji u ta’ monitoraġġ, kif ukoll mekkaniżmi oħra biex tinforza l-istat tad-dritt fl-Istati Membri tal-UE. Dawn jinkludu l-mekkaniżmu ta’ kooperazzjoni u verifika, il-proċeduri ta’ ksur, u r-rapporti annwali dwar l-istat tad-dritt. Barra minn hekk, fl-2020, hija qabelt dwar regoli ta’ kondizzjonalità biex tipproteġi l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-UE fl-intier tiegħu. Taħt ċerti kundizzjonijiet dawn ir-regoli jirrikjedu li l-aċċess tal-pajjiżi għall-finanzjament tal-UE jiġi sospiż, imnaqqas jew ristrett meta jkun hemm ksur serju tal-istat tad-dritt. Dawn il-miżuri protettivi s’issa ntużaw biss għall-Ungjerja (f'Diċembru 2022), u rriżultaw f’sospensjoni ta’ 55 % tal-fondi li din kellha tirċievi taħt tliet programmi ta’ finanzjament tal-UE. Ir-regoli finanzjarji għall-fondi tal-politika ta’ koeżjoni u għall-Faċilità għall-İrkupru u r-Reżiljenza (RRF), li jirrapreżenta l-parti l-ikbira tal-pakkett tal-UE għall-irkupru, jippermettu salvagwardji addizzjonali għall-istat tad-dritt.

L-auditu se jiffoka fuq tliet oqsma differenti għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE mill-ksur tal-istat tad-dritt: l-applikazzjoni, min-naħħa tal-Kummissjoni, tar-Regolament tal-UE dwar il-Kondizzjonalità, ir-regoli applikabbi taħt il-fondi tal-politika ta’ koeżjoni 2021-2027, u dawk applikabbi taħt l-RRF.

*L-iskop ta’ din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tal-previżjoni ta’ awditu maħruġa mill-Qorti Ewropea tal-Audituri, li hija disponibbli fuq [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)*

### ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditors [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)

L-awditu se jkopri l-azzjoni tal-Kummissjoni għal kampjun ta' sitt pajjiżi: il-Bulgarija, il-Greċja, l-Italja, l-Ungaria, il-Polonja, u r-Rumanija.

### Informazzjoni ġenerali

Il-Kummissjoni Ewropea hija responsabbi li tidentifika u tindirizza ksur possibbli tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri. Il-Kunsill tal-UE, li jlaqqa' flimkien il-gvernijiet tal-Istati Membri, jeħtieġ li japprova l-miżuri protettivi proposti mill-Kummissjoni taħt ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità, kif ukoll stadji importanti u miri speċifiċi li jindirizzaw in-nuqqasijiet f'dan ir-rigward taħt I-RRF. Il-Kummissjoni tista' wkoll timblokk r-rimborż ta' nfiq li jkun sar taħt il-fond ta' koeżjoni jekk ma jiġux irrispettati dawn il-prinċipji. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew jista' jindirizza kwistjonijiet relatati mal-istat tad-dritt waqt il-proċess annwali li fih japprova l-ġestjoni min-naħħa tal-Kummissjoni tal-baġit tal-UE ("kwittanza").

Il-baġit fuq terminu twil tal-UE se jipprovd EUR 1 211 biljun f'finanzjament mill-2021 sal-2027, li minnhom EUR 361 biljun se jiġu mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni. Barra minn hekk, il-pakkett finanzjarju ta' Next Generation EU se jagħmel disponibbli EUR 807 biljun għall-pajjiżi tal-UE mill-2021 sal-2026, li minnhom EUR 724 biljun se jiġu mill-RRF.

Previjoni ta' Awdu 01/2023, "L-istat tad-dritt u l-azzjoni meħħuda mill-Kummissjoni biex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-UE fl-oqsma tal-politika ta' koeżjoni u l-RRF", hija disponibbli bl-Ingliż fis-sit web [tal-QEA](#). Previjonijiet ta' awditi huma bbażati fuq xogħol ta' tħejjija li jsir qabel ma jinbeda awditu. Ma għandhomx jitqiesu bħala osservazzjonijiet, konklużjonijiet jew rakkmandazzjonijiet tal-awditjar. Ir-rapport tal-awditjar huwa mistenni bejn wieħed u ieħor fi żmien sena.

### Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu)

- Damijan Fišer: [damijan.fiser@eca.europa.eu](mailto:damijan.fiser@eca.europa.eu) - M: (+352) 621 552 224
- Claudia Spiti: [claudia.spiti@eca.europa.eu](mailto:claudia.spiti@eca.europa.eu) - M: (+352) 691 553 547
- Vincent Bourgeais: [vincent.bourgeais@eca.europa.eu](mailto:vincent.bourgeais@eca.europa.eu) - M: (+352) 691 551 502